**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**FRANKIE PACE**

**Illum, 22 ta' April, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FRANKIE PACE** ta’ tnejn u ghoxrin sena bin Lawrence u Mary nee Psaila imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Lulju, 1979 u joghod 75, Triq is-Sur, Senglea, detentur tal-karta tal-identita numru 319679M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha ta' Dicembru, 2000 gewwa l-Isla, matul l-gurnata kellu fil-pussess tieghi d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew

xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Talli fl-istess data, matul l-gurnata, mill-Pieta kkommetta serq ta' zewg stereos CIA Tronic li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa.

Talli huwa recidiv b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 2001 markat bhala dokument CSH 4 a fol 19 tal-process sabiex l-istess imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita.

Semghet lil imputat fis-seduta tas-sittax ta' April, 2002 jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv lil ssibu hati tal-akkuzi kollha.

Dwar il-piena:

Il-Qorti ezaminat l-istatement rilaxxjat mill-istess imoputat nhar t-tnax ta' Dicembru, 2000 esibit fl-atti a fol 29 markat bhala dokument DS 1 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.

Illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur David Saliba meta ta x-xhieda tighu nhar s-sittax ta' April, 2002 l-imputat irritorna wkoll wiehed miz-zewg stereos misruqa minnu.

Rat l-fedina penali tal-imputat esibit a fol 10 et seq tal-atti odjerni u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga nstab hati ta' akkuza ta' serq fis-sena 2000 meta nghata ordni ta' probation u sentenza sospiza.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat ma tghallimx mic-cansijiet moghtija lilu mill-Qorti u ghalhekk hija tal-fehma li l-piena idoneja f'dan il-kaz hija wahda karcerarja.

**Ghalhekk, wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8 tal-Kap 101, l-artikoli 284, 285, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi billi tikkundanna lil imputat FRANKIE PACE ghal piena ta' prigunerija ta' xahrejn u ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**